# Is-sigurtà tal-vaċċini

## Tweġibiet għall-mistoqsijiet ewlenin



### Xi jkun hemm ġo vaċċin?

Ħafna vaċċini jkun fihom antiġen, li huwa forma mdgħajfa jew inattivata jew komponent ta' virus jew batterju. Meta persuna titlaqqam, is-sistema immunitarja tagħha tagħraf lill-antiġenu bħala barrani, u toħloq ċelloli msejħa antikorpi li jiġġieldu kontra l-virus jew il-batterju.

### Kif inkun naf li l-vaċċini huma sikuri?

**Is-sikurezza tat-tilqim hija żgurata permezz ta' proċess strett ta' ttestjar, evalwazzjoni u regolamentazzjoni. Il-vaċċini kollha jridu jgħaddu minn diversi stadji qabel ma jiġu approvati għall-użu fl-UE:**

- **Ittestjar rigoruż** mill-iżviluppatur tiegħu. Wara l-ittestjar, l-iżviluppatur tal-vaċċin jippreżenta r-riżultati lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA).
- **Evalwazzjoni xjentifika** mill-awtoritajiet regolatorji. Il-vaċċini jiġu approvati biss jekk l-evalwazzjonijiet juru li l-benefiċċji tal-vaċċin huma akbar mir-riskji tiegħu.
- **Regolamentazzjoni f'pajjiżi individwali.** Il-kumpaniji huma meħtieġa jwettqu ttestjar strett fuq kull lott ta' vaċċin maħruġ fis-suq tal-UE. L-awtoritajiet nazzjonali jiddeċiedu l-kriterji ta' aċċettazzjoni relatati.

### Kif jiġu ttestjati l-vaċċini fuq il-bnedmin?

**Wara studji fil-laboratorju, il-vaċċini jistgħu jiġu ttestjati fuq persuni fi provi kliniċi.**

Dawn jibdew bi grupp żgħir ta' voluntiera biex jivverifikaw li jista' jintuża b'mod sikur. Imbagħad f'fażijiet konsekuttivi dawn jiġu estiżi għal gruppi akbar ta' voluntiera biex jiġi żgurat li l-vaċċin jkun ottimizzat f'termini tas-sikurezza u l-effettività.

**L-awtoritajiet jissorveljaw il-provi kollha biex jivverifikaw li kollox ikun qed isir b'mod korrett.**

### Hemm ingredjenti oħra?

**Minbarra antiġen wieħed jew aktar, jistgħu jiżdiedu wkoll komponenti oħrajn sabiex jgħinu jżommu l-vaċċin stabbli u effettiv.**

**Dawn jinkludu:**

- **Stabbilizzaturi:** komponenti li jżommu l-vaċċin stabbli.
- **Aġġuvanti:** sustanzi li jsaħħu r-rispons immunitarju, li jwasslu għal protezzjoni li tkun aktar b'saħħitha, aktar rapida u dejjiema.
- **Eċċipjenti:** ingredjenti inattivi, bħall-ilma, imluħa, stabbilizzaturi u preservattivi li jtejbu l-kwalità tal-vaċċini u jagħmluha aktar faċli li tiġi injettata d-doża t-tajba.
- **Sustanzi (traċċi) oħrajn:** komposti li jintużaw fil-proċess tal-manifattura. Dawn jistgħu jkunu preżenti f'xi vaċċini, f'ammonti żgħar ħafna. Meta dawn il-komposti jistgħu jikkawżaw reazzjoni f'individwi sensittivi jew allerġiċi (bħall-ovalbumin, proteina li tinsab fil-bajd), il-preżenza tagħhom tiġi ddikjarata fl-informazzjoni dwar il-vaċċin mogħtija lill-ħaddiema tal-kura tas-saħħa u lill-persuni li jkunu qed jingħataw vaċċin, sabiex ikunu jafu li għandhom joqogħdu attenti ħafna għal reazzjonijiet possibbli.



### X'inhuma t-tipi differenti ta' vaċċini?

**Organiżmi sħaħ:**

- **Vaċċini inattivati** fihom viruses li ġew inattivati (maqtula) f'laboratorju bl-użu ta' sħana jew kimiċi.
- **Vaċċini ħajjin attenwati** fihom viruses jew batterji ħajjin li ddgħajfu billi nbidlilhom id-DNA tagħhom jew billi ntgħażlu l-viruses jew il-batterji l-aktar dgħajfa biex jiddaħħlu fil-vaċċin.

**Partijiet ta' organiżmi,** li jistgħu jingħataw direttament (rikombinanti) jew isiru fil-ġisem billi t-tilqim isir b'mRNA jew vetturi virali li jkun fihom l-istruzzjonijiet.

**Tossojde,** li ma jipproteġix kontra l-organiżmu iżda kontra t-tossini prodotti minnhom.

PORTAL EWROPEW TA' INFORMAZZJONI DWAR IT-TILQIM
Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea

ŻMIEN BIEX JITLAQQMU

Skennja l-kodiċi QR biex issir taf aktar fil-Portal Ewropew ta' Informazzjoni dwar it-Tilqim

vaccination-info.europa.eu/en